MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 588/2009

**Y&P Marketing (Malta) Limited [C25999]**

***kontra***

**Adolf Baldacchino ID 339973M**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors mahluf prezentat fis-16 ta` Gunju 2009 li jaqra hekk –

*1. Illi l-intimat huwa debitur versu s-socjeta` rikorrenti fis-somma ta` wiehed u ghoxrin elf seba` mija u tlettax-il Euro u tmienja u erbghin centezmu ta` Euro (€21,713.48) rapprezentanti l-hlas ghal servizz ta` kiri ta` krejn lilu pprovdut mis-socjeta` rikorrenti, skond ma*

*jirrizulta ahjar mill-affidavit ta` Raymond Gauci li qed jigi anness u mmarkat bhala Dokument A ;*

*2. Illi l-intimat gie nterpellat diversi drabi biex ihallas dan l-ammont, izda minkejja li hu ripetutament wieghed li ser ihallas din is-somma, sal-lum baqa` inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza ;*

*3. Illi safejn taf is-socjeta` rikorrenti, l-intimat m`ghandux eccezzjonijiet x`jaghti kontra din it-talba.*

*Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex -*

*1. Tghaddi biex tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh skond kif mahsub fl-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*2. Tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta` wiehed u ghoxrin elf seba` mija u tlettax-il Euro u tmienja u erbghin centezmu ta` Euro (€21,713.48) kif hawn fuq spjegat; u*

*3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` wiehed u ghoxrin elf seba` mija u tlettax-il Euro u tmienja u erbghin centezmu ta` Euro (€21,713.48).*

*Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta` inibizzjoni li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta` attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta` Lulju 2009 (fol 7).

Rat id-digriet taghha moghti f`dik l-udjenza fejn wara li din il-Qorti ddikjarat ruhha sodisfatta li l-konvenut kellu eccezzjonijiet x`jaghti ghat-talbiet attrici hija tat lill-konvenut zmien ghoxrin (20) jum sabiex jipprezenta risposta guramentata.

Rat ir-risposta mahlufa prezentata fid-29 ta` Lulju 2009 li taqra hekk –

*1. Illi l-gudizzju mhux integru ghaliex ir-relazzjoni guridika tezisti mhux biss mal-konvenut izda ma` certu Pancrazio Cutajar li kien bi shab mal-konvenut. In effetti l-crane kien mikri lil dawn iz-zewg persuni flimkien. Kwindi dan l-istess Pancrazio Cutajar ghandu jigi kkjamat fil-kawza.*

*2. Illi l-ammont mitlub mhux dovut kollu stante illi : -*

*i) saru pagamenti sostanzjali mill-ammont dovut liema pagamenti jammontaw ghal madwar €10,000 kif ser jirrizulta waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta` din il-kawza ;*

*ii) kien hemm perjodu ta` madwar sitt xhur matul liema l-crane ma hadimx minhabba illi ma kienx armat kif suppost mis-socjeta` attrici ;*

*iii) kien hemm perjodi ohra meta s-socjeta` attrici kienet tiehu r-remote control tal-crane b`tali mod li l-konvenut u Pancrazio Cutajar ma kinux jistghu joperaw bil-crane ;*

*3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut.

Rat l-affidavit ta` x-xhud Raymond Gauci (fol 27 sa 29) kif ukoll id-dokumenti li kienu hemm esebiti (fol 30 sa 33).

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta` Marzu 2010 (fol 34 u 35).

Semghet id-deposizzjoni tal-konvenut f`din l-udjenza (fol 37 sa 52).

Rat id-digriet taghha moghti f`din l-udjenza fejn wara li kien hemm kontestazzjoni dwar il-firem fuq Dok RG1 esebit mill-kumpannija attrici, u wara li l-istess kumpannija attrici talbet il-hatra ta` espert kaligrafiku sabiex jiddetermina jekk il-firma li tidher fuq Dok RG1 u li tirrizulta fl-original tal-istess dokument hijiex tal-konvenut, din il-Qorti hatret lill-espert kaligrafiku Dr. Anthony Abela Medici ghal dan l-iskop u sabiex jirrelata.

Rat l-affidavit ta` Pankrazio Cutajar (fol 54 sa 56).

Rat in-nota tal-kumpannija attrici fejn kienu esebiti l-originali ta` Dok RG1 u RG2. (fol 58 sa 60).

Rat ir-relazzjoni tal-perit kaligrafiku Dr. Anthony Abela Medici li kienet prezentata fl-4 ta` Ottubru 2010 u mahlufa fil-25 ta` Novembru 2010 (fol 67 sa fol 97).

Rat l-atti l-ohra li kienu esebiti mill-perit kaligrafiku flimkien mar-relazzjoni tieghu (fol 97 sa fol 189).

Rat id-digriet taghha tal-10 ta` Marzu 2011 (fol 195) fejn din il-Qorti cahdet it-talba tal-konvenut skond ir-rikors tieghu tal-25 ta` Frar 2011 ghall-kjamata fil-kawza ta` Pancrazio Cutajar.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-22 ta` Marzu 2011 (fol 197) fejn il-kumpannija attrici ddikjarat li kienet qeghda taghlaq il-provi taghha.

Rat id-digriet moghti fl-istess udjenza fejn din il-Qorti halliet il-kawza ghall-udjenza tat-23 ta` Mejju 2011 fil-11.30 a.m. ghall-provi kollha tal-konvenut, bl-intiza li dakinhar kellu jinghalaq il-gbir tal-provi u wara l-kawza tithalla ghat-trattazzjoni finali.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-23 ta` Mejju 2011 (fol 198 u 199).

Rat id-digriet taghha moghti f`dik l-udjenza fejn din il-Qorti ddikjarat maghluq il-gbir tal-provi tal-konvenut.

Rat id-digriet l-iehor taghha moghti fl-istess udjenza fejn din il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum b`dan illi l-konvenut inghata zmien xahar mid-data ta` l-istess udjenza sabiex jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub, u l-kumpannija attrici nghatat il-fakolta` li twiegeb ukoll bil-miktub fi zmien xahar min-notifika tas-sottomissjonijiet tal-konvenut lid-difensuri taghha.

Rat li l-konvenut baqa` ma pprezentax is-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub.

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-kumpannija attrici (fol 202 sa 210).

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Fil-kawza tal-lum, il-kumpannija attrici tallega li ghal diversi xhur hija kriet krejn lill-konvenut li huwa kuntrattur tal-bini u dan baqa` ma hallashiex l-ammont dovut lilha ghas-servizz ili taghtu. In sostenn tal-pretensjoni taghha, il-kumpannija attrici ressqet bhala prova ghadd ta` dokumenti.

Il-kumpannija qeghda tistrieh principalment fuq tliet dokumenti partikolari : dak markat RG1 (fol.30 sa 32) li huwa kopja tal-ftehim tal-kirja li sar bil-miktub bejn Raymond Gauci ghall-kumpannija attrici u l-konvenut ; dak markat RG2 (fol.33) li huwa kopja ta` dikjarazzjoni bil-miktub tal-konvenut fejn dan accetta li kien debitur tal-kumpannija attrici ghall-kiri tal-krejn ; u dak markat RG13 a fol 117. L-originali tad-dokumenti RG1 u RG2 kienu prezentati mill-kumpannija attrici permezz ta` nota fis-27 ta` April 2010 (ara fol. 57 sa 60). Id-dokument RG 13 huwa originali u fih lista ta` pagamenti tal-kera li l-kumpannija attrici tghid li thallset minghand il-konvenut u li ffirma ghalihom l-istess konvenut. Min-naha tieghu, il-konvenut, filwaqt li cahad li huwa ffirma id-dokument RG1, huwa kkonferma li d-dokument RG2 igib il-firma tieghu.

L-espert kaligrafiku Dr. Anthony Abela Medici kien mahtur sabiex jirrelata dwar l-allegata firma tal-konvenut fid-dokument RG1. Fir-relazzjoni dettaljata u teknika tieghu (ara fol 97), Dr. Abela Medici jghid hekk –

*... Jidher ghalhekk li ma kienx hemm esitazzjoni fil-kitba tal-firma u xorta jezistu il-karatteristici personali tal-kitba li huma evidenti fil-firem awtentici ta` Adolf Baldacchino.* ***Ghalhekk l-esponent ma sab l-ebda***

***evidenza ta` ikkupjar tal-firma minn xi terza persuna*** *u lanqas ma sab evidenza ta` tracing tal-firma …*

***… Illi ghaldaqstant, fl-opinjoni tal-esponent, kwalifikata bi tletin sena esperjenza fl-ezamijiet ta` kaligrafija, il-firma "A. Baldacchino" fuq id-dokument RG1 a fol 59 hi identika ghal firem awtentici u awtentikati ta` Adolf Baldacchino u ghandha awturi wiehed u komuni. Cioe` il-firma "A. Baldacchino" fuq id-dokument RG1 a fol 59 giet maghmula minn Adolf Baldacchino.***

(enfasi tal-perit kaligrafiku).

Fuq l-iskorta tad-dokumenti originali li kellu ghad-disposizzjoni tieghu, l-espert kaligrafiku kkonkluda wkoll li kienu tal-konvenut il-firem li jidhru fuq dokument RG13.

Il-kostatazzjonijiet u l-konkluzjonijiet ta` Dr. Anthony Abela Medici jikkostitwixxu prova.

Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza **"<u>Calleja vs</u> <u>Mifsud</u>"**, il-Qorti tal-Appell qalet hekk -

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta` l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta` natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta` espert in materja. B`danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b`lenti kritika lejn l-*

*opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta` natura teknika.*

In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicata*), fl-istess waqt dak *ma jfissirx pero` illi qorti dan tista` taghmlu b` mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b` ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami* ("**Grima vs Mamo et noe**" **–** Qorti tal-Appell – 29 ta` Mejju 1998)**.**

*Jigifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.* ("**Cauchi vs Mercieca" –** Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 **; "Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000 u "**Calleja *noe* vs Mifsud**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

Il-*giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta` talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli*" – ("**Bugeja *et* vs Muscat et" –** Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967).

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta li ghalkemm fl-udjenza tal-20 ta` Jannar 2011 il-konvenut iddikjara li ma kienx qieghed jaqbel mal-konkluzjonijiet tal-perit tekniku, fl-istess waqt il-konvenut la ghamel talba lill-Qorti biex tahtar periti addizzjonali u lanqas talab li jeskuti lill-perit tekniku.

Wara li qieset bir-reqqa dak li rrelata l-perit kaligrafiku, din il-Qorti tghid li sejra toqghod u taghmel taghha l-accertamenti u l-konkluzjonijiet teknici tieghu ghaliex ma rrizultawlha l-ebda fatt jew cirkostanza ohra li jwassluha sabiex tiddipartixxi minn dak kollu li rrelata Dr. Abela Medici.

**Ikkunsidrat :**

Accertata sal-grad rikjest mil-ligi l-prova li fuq id-dokumenti ewlenin li fuqhom hija mpernjata l-istanza attrici tirrizulta l-firma tal-konvenut, din il-Qorti issa sejra tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-mertu tat-talba tal-kumpannija attrici.

Kienu esebiti mill-kumpannija attrici zewg kuntratti ta` kirja lill-konvenut : wiehed bid-data tat-8 ta` Awissu 2006 ghal perijodu partikolari, u iehor tat-22 ta` Ottubru 2007 ghal perijodu iehor. Fiz-zewg affidavits tieghu (fol 3 u fol 27 et seq), Raymond Gauci, rapprezentant tal-kumpannija attrici, jixhed illi fit-22 ta` Ottubru 2007 huwa kera l-krejn lill-konvenut ghall-ammont ta` Lm 150 fil-gimgha. Ghalkemm fil-bidu l-konvenut kien puntwali fil-hlas tal-kera, in segwitu beda jaqa` lura. F`Novembru 2008, huwa talab lill-konvenut sabiex jiffirma dikjarazzjoni li kellu jhallas arretrati ta` kera fl-ammont ta` €14,115. bhala arretrati tal-kera. Ghall-fini ta` precizjoni, Raymond Gauci jixhed fl-ewwel affidavit tieghu illi l-krejn dam mikri lill-konvenut sat-22 ta` April 2009 filwaqt illi fit-tieni affidavit tieghu huwa jixhed illi l-krejn dam mikri ghand l-intimat sa l-20 ta` Mejju 2009.

Il-verzjoni tal-konvenut kienet illi ghal hames xhur ma setax jaghmel uzu tal-krejn ghaliex kien ittiehed ghas-*service* u ma kienx assemblat kollu. Il-konvenut ighid illi l-kumpannija attrici qeghda tippretendi li tithallas kera ghal dawk il-hames xhur fejn ma setax jaghmel uzu tal-krejn. Il-konvenut qal ukoll li kien hemm zmien meta fejn il-kumpannija attrici hadet ir-*remote control* tal-krejn sabiex hu ma jkunx jista` jopera l-*crane*.

Il-Qorti tosserva li fil-kawza tal-lum il-konvenut ma ressaq l-ebda kontrotalba fis-sens illi ma sarrafx l-allegati inadempjenzi tal-kumpannija attrici f`azzjoni ta` xi xorta kontriha nkluza azzjoni ghal danni.

Din il-Qorti tosserva wkoll li l-konvenut ma effettwa l-ebda depozitu taht l-awtorita` tal-Qorti ta` ammonti ta` kera li dwar il-hlas taghhom ma kienx hemm kontestazzjoni min-naha tieghu.

Inoltre din il-Qorti tosserva illi l-intimat ghazel li ma jaghmilx kontroezami la lil Raymond Gauci u lanqas lil Pancrazio Cutajar li kien impjegat tieghu.

Dan Pancrazio Cutajar xehed illi huwa kien beda jahdem mal-konvenut fl-ahhar ta` Dicembru 2008 u baqa` jahdem mieghu sa Gunju tal-2009. Waqaf mix-xoghol mal-konvenut ghaliex kien ilu ma jhallsu paga ghal sitt xhur (ara fol. 54). Cutajar jixhed illi l-krejn dejjem iffunzjona tajjeb izda li qabel ma waqaf jahdem mal-konvenut il-krejn dam xi granet wieqaf sakemm gie zarmat mis-socjeta` attrici (ara fol. 56). Raymond Gauci jixhed illi huwa kien ha r-*remote control* tal-krejn darba biss sabiex jaghmel pressjoni fuq l-intimat biex ihallas il-pendenzi tal-kera. Ir-*remote control* inghata lura lill-konvenut wara jumejn.

**Ikkunsidrat :**

L-accertamenti u l-konkluzjonijiet tal-espert kaligrafija huma provi li jxellfu bl-aktar mod serju l-attendibilita` u l-kredibilita` tal-konvenut.

L-istess jaghmlu l-provi l-ohra li ressqet il-kumpannija attrici.

Fl-istess waqt u dan oggettivament ghandu jinghad li ma hemmx qbil bejn il-partijiet dwar kemm dam wieqaf il-krejn matul il-kirja, ghalkemm jirrizulta ppruvat illi dan il-krejn ghamel xi zmien wieqaf.

L-intimat jaccetta li ghandu jaghti €14,115 bhala arretrati u ghalkemm jixhed illi huwa kien hallas lis-socjeta` intimata parti minn din is-somma, qatt ma gab prova tal-ammont li attwalment hallas u wisq anqas xi ricevuta jew prova ohra li tikkorrabora dak li xehed, u dan minkejja li fir-risposta mahlufa jsostni li huwa hallas l-ammont ta` €10,000.

Il-kumpannija attrici qeghda tirreklama s-somma ta` €21,713.48 ghall-hlas ta` kera tal-krejn mill-4 ta` Novembru 2008 sal-20 ta` Mejju tal-2009. Jirrizulta mil-lista ta` pagamenti accertati wkoll mill-espert kaligrafiku (ara fol. 92 tar-rapport) illi wara s-17 ta` Novembru 2008 u mbaghad fl-4 ta` Marzu 2009 l-intimat hallas €1,400 rispettivament. Ma jidhirx illi s-socjeta` attrici hadet hsieb tnaqqas dawn iz-zewg ammonti. Ghalhekk ghandu jkun hemm riduzzjoni taghhom.

In vista ta` dak li xehed Raymond Gauci, din il-Qorti ma tafx fic-cert kemm dam mikri l-krejn lill-konvenut u cioe` jekk hux sat-22 ta` April 2009 jew l-20 ta` Mejju 2009. Peress illi din il-Qorti m`ghandhiex mezz kif

tiddetermina dan fic-cert anke ghaliex il-kuntratt a fol 30 mhux specifiku, din il-Qorti sejra tadotta linja prudenzjali u tqis id-data tat-22 ta` April 2009 bhala d-data effettiva tat-tmiem tal-kirja. Fl-istess waqt din il-Qorti mhijiex sejra taghti konsiderazzjoni ghall-kwistjoni tal-waqfien tal-krejn ghaliex il-provi huma konfliggenti anke sal-grad rikjest fil-kamp civili.

Bejn l-4 ta` Novembru 2008 u t-22 ta` April 2009 kien hemm 169 gurnata. B`kirja ta` €49.92 kull jum, il-hlas jitla` ghal €8,436.48. Minn din is-somma, ghandhom jitnaqqsu z-zewg ammonti ta` €1,400 kull wiehed li l-konvenut kien lahaq hallas (ara fol. 117). Kwindi l-bilanc huwa ta` €5,636.48. Maghdud dan l-ammont mal-arretrati ta` €14,115, accettati mill-konvenut, l-ammont attwalment dovut lill-kumpannija attrici huwa dak ta` **€19,751.48**.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi -**

**1) Tiddikjara lill-konvenut bhala debitur tal-kumpannija attrici fis-somma ta` dsatax-il elf seba` mija wiehed u hamsin Ewro tmienja u erbghin centezmu (€19,751.48) rapprezentanti l-hlas ghal servizzi ta` kiri ta` krejn ipprovdut lill-konvenut mill-kumpannija attrici.**

**2) Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-kumpannija attrici s-somma ta` dsatax-il elf seba` mija wiehed u hamsin Ewro tmienja u erbghin centezmu (€19,751.48) bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**3) Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas ukoll l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------